# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.**

**Numru 7**

**Rikors numru 373/2020/1 HM**

**Michael u Victoria konjuġi Mercieca**

**v.**

**Malta Dairy Products Limited (C 7833)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-atturi Michael u Victoria Mercieca minn digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar, 2025, li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti: (i) sfilzat ix-xhieda bil-mezz tal-affidavit tal-attur Michael Mercieca u ta' Josef Cortis għaliex naqsu milli jidhru għall-kontroeżami; (ii) qieset li l-atturi ma kellhomx

kontroeżamijiet x'jagħmlu lix-xhieda tal-konvenuti; (iii) kif ukoll qieset l-istadju tal-provi tal-partijiet bħala magħluq.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tad-29 ta' Mejju, 2020, l-atturi Michael u Victoria Mercieca ilmentaw li l-kumpanija konvenuta Malta Dairy Products Limited kisret ftehim iffirmat bejniethom fl-20 ta' Ottubru, 2018, u li dak il-ksur ġab fuqhom id-danni. Kemm fuq is-saħħa ta' hekk, kif ukoll fid-dawl ta' dak kollu mistqarr minnhom fir-rikors maħluf, l-atturi ressqu din il-kawża li biha talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kuntratt għadu validu u veljanti billi ma ġiex itterminat skont il-liġi;*
>
> *2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi konsegwentement l-attur għandu d-dritt li jassenja d-drittijiet tiegħu taħt dan il-ftehim lil terz, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-klawsola numru ħmistax (15) tal-kuntratt;*
>
> *3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuta ma kellha ebda jedd li tirrifjuta l-kunsens tagħha lill-attur biex jassenja d-drittijiet tiegħu taħt il-kuntratt lil Josef Cortis, u li dan ir-rifjut ikkaġuna danni lill-attur;*
>
> *4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-waqfien tal-konvenuta mill-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet tagħha skont il-kuntratt jikkostitwixxi ksur tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħha, liema ksur ikkaġuna u għadu qed jikkaġuna danni lill-atturi;*
>
> *5. Tillikwida d-danni kaġunati lill-atturi, occorrendo bl-opera ta' periti nominati;*
>
> *6. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni lill-atturi kif likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenuta, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti tal-konvenuta fi proċeduri ġudizzjarji.»*

3. Bi tweġiba maħlufa tal-10 ta' Awwissu, 2020, il-kumpanija konvenuta Malta Dairy Products Limited mhux biss laqgħet għall-kawża b'bosta eċċezzjonijiet fil-mertu, iżda wkoll inqdiet bl-istess proċedura biex ressqet kontrotalba li fiha xliet lill-atturi b'serq ta' bosta prodotti tagħha u fid-dawl ta' dan talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddeċiedi u tikkundanna lir-rikonvenzjonati jew min minnhom sabiex iroddu lura l-valur ekwivalenti għall-prezz ta' numru ta' prodotti proprjetà tal-kumpanija rikonvenzjonanti li r-rikonvenjonat u/jew l-impjegati tiegħu ħadu u li ma kinux ordnati u li għalhekk ma kellux il-permess illi jieħu, liema prodotti mbagħad tpoġġew fil-vettura ta' distribuzzjoni tiegħu sabiex huwa jbiegħ lil terzi;*

*2. Subordinatament għall-eċċezzjonijiet kollha fir-risposta ġuramentata u mingħajr preġudizzju għall-istess u għad-drittijiet kollha tal-kumpanija rikonvenzjonanti, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti ssib li l-kuntratt tal-20 ta' Ottubru 2018, ma ġiex terminat skont il-liġi jew [skont] il-kuntratt, tiddikjara li t-terminazzjoni tal-kuntratt xorta waħda hija waħda valida u effettiva sa mill-14 ta' Novembru, 2019, u fin-nuqqas, tikkonstata l-jum li fih ġie effettivament itterminat il-kuntratt. Għal kull buon fini jingħad illi din it-talba qiegħda ssir b'mod eċċezzjonali u dan sabiex ma jkomplux jiġu ppreġudikati d-drittijiet tal-kumpanija rikonvenzjonanti, għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u sabiex b'hekk jiġu evitati proċeduri ġudizzjarji numerużi u twal li jistgħu jsegwu l-eżitu tal-kwistjoni odjerna.*

*Bl-ispejjeż. Ir-rikonvenzjonati huma minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.»*

4. Bi tweġiba maħlufa tat-22 ta' Settembru, 2020, l-atturi rikonvenzjonati laqgħu għall-kontrotalba tal-kumpanija konvenuta b'għadd ta' eċċezzjonijiet, kemm ta' sura preliminari kif ukoll fil-mertu.

5. Il-kawża bdiet bil-ġbir tal-provi min-naħa tal-atturi Michael u Victoria Mercieca, u fost il-provi mressqa minnhom b'sostenn għat-talbiet tagħhom kien hemm: (i) affidavit tal-attur Michael Mercieca, b'għadd ta'

dokumenti mehmuża miegħu (f'paġni 49 sa 73 tal-atti tal-kawża); (ii) kif ukoll affidavit ta' Josef Cortis (f'paġni 92 u 93 tal-atti tal-kawża).

6. Iktar tard, fis-seduta tat-28 ta' Ġunju, 2024, l-atturi ddikjaraw li: *«l-unika prova li fadlilhom tikkonsisti f'affidavit tal-attriċi, b'dokumenti li jirrigwardjaw id-dħul tal-familja qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt mal-kumpanija konvenuta»* (silta meħuda mill-verbal tas-seduta msemmija, f'paġna 138 tal-atti tal-kawża).

7. Fl-istess seduta tat-28 ta' Ġunju, 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tat lil Malta Dairy Products Limited sal-15 ta' Ottubru, 2024 biex: (i) tressaq id-dokumenti kollha li riedet tistrieħ fuqhom; (ii) tressaq l-affidavits ta' kull persuna li tista' tixhed b'dak il-mezz; u (iii) tressaq nota li fiha ssemmi liema xhieda għandha bżonn tressaq biex jixhdu fil-preżenza tal-Qorti. Fid-dawl ta' dan, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża: *«għat-8 ta' Novembru, 2024 fl-10:30 <u>bħala seduta amministrattiva</u>»* (erġa' ara l-verbal tat-28 ta' Ġunju, 2024, f'paġni 138 u 139 tal-atti tal-kawża).

8. B'nota tat-30 ta' Ottubru, 2024, il-kumpanija Malta Dairy Products Limited ressqet tliet affidavits bid-dokumenti mehmuża magħhom, u ddikjarat li: *«salv għall-kontroeżamijiet relattivi, hija m'għandhiex bżonn tressaq aktar xhieda sabiex jixhdu viva voce»* (silta meħuda min-nota tal-kumpanija konvenuta rikonvenzjonanti f'paġna 161 tal-atti tal-kawża).

9. Għas-seduta tat-8 ta' Novembru, 2024, deher biss l-Avukat tal-Malta Dairy Products Limited, u l-verbal ta' dik is-seduta jaqra kif ġej:

> *«Meta ssejħet il-kawża deher Dr. Tyrone Grech għas-soċjetà konvenuta. L-Avukat Dr. Albert Zerafa, mgħajjat diversi drabi, ma deherx.*
>
> *Il-Qorti rat in-nota tal-kumpanija konvenuta tat-30 ta' Ottubru 2024, bl-affidavits annessi u tqis li tress[qet] fit-terminu fid-dawl tad-digriet tas-16 ta' Settembru 2024.*
>
> *Kawża differita għat-28 ta' Frar, 2025 fin-12:00pm sas-13:00pm biex jinstemgħu l-kontroeżamijiet ta' Michael Mercieca u Josef Cortis li għandhom jitressqu mill-atturi. Jekk l-atturi jridu li jagħmlu kontroeżami ta' xhieda mressqa mill-kumpannija konvenuta, l-Avukat tal-atturi għandu jgħarraf lil wieħed mill-Avukati tal-konvenuta bl-ismijiet tax-xhieda meħtieġa u tkun ir-responsabbiltà tal-kumpannija konvenuta li tressaq ix-xhieda għall-kontroeżami. It-talba min-naħa tal-Avukat tal-atturi għandha ssir mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru, 2024 u għandha tintbagħat bil-posta elettronika. Jekk ma ssirx it-talba, jitqies li m'hemmx kontroeżamijiet xi jsiru min-naħa tal-atturi»* (silta meħuda minn paġna 256 tal-atti tal-kawża).

10. L-atturi rikonvenzjonati ma għarrfux lil Malta Dairy Products Limited dwar jekk xtaqux jagħmlu xi kontroeżami tax-xhieda tagħha, u fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2025, la deher l-attur Michael Mercieca u lanqas ix-xhud Josef Cortis sabiex isirilhom il-kontroeżami.

11. Fid-dawl ta' dan, fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar, 2025 (f'paġna 257 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti tat digriet li jaqra kif ġej:

> *«Meta ssejħet il-kawża, deher Dr. Albert Zerafa għall-atturi. Deher Dr. Tyrone Grech għas-soċjetà konvenuta.*
>
> *Il-Qorti hija informata li l-atturi ma mxewx mal-verbal tat-8 ta' Novembru 2024, li jgħid li Michael Mercieca u [J]osef Cortis għandhom jitressqu għal-lum biex isir il-kontroeżami. Il-Qorti talloka siegħa għal tali skop. Ir-raġuni hi li l-Avukat Zerafa sfuġġielu dak li kellu jsir.* ***Din mhux ġustifikazzjoni għan-nuqqas u l-Qorti għalhekk tordna li x-xhieda ta' Michael***

> ***Mercieca u ta' [J]osef Cortis titqies li ma ngħatatx u li l-atti relattivi jiġu sfilzati**.*
>
> *Fir-rigward ta' kontroeżamijiet min-naħa tal-atturi, ingħatat l-istess raġuni għaliex ma ssejħux biex isiru l-kontroeżami tagħhom.* ***Għalhekk skont l-istess verbal, huwa meqjus li m'hemmx kontroeżamijiet xi jsiru min-naħa tal-atturi.***
>
> ***Il-Qorti tiddikjara l-istadju tal-provi magħluq.***
>
> *L-atturi talbu u ngħataw sal-15 ta' April 2025 biex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet. Is-soċjetà konvenuta għandha sat-30 ta' Mejju 2025, biex tirrispondi.*
>
> ***Kawża differita ghal-15 ta' Lulju 2025 fid-9:00am għas-sentenza***» (l-efansi b'tipa grassa huwa ta' din il-Qorti).

12. L-atturi rikonvenzjonati ħassewhom aggravati kemm bid-deċiżjoni dwar l-isfilz tal-affidavits ta' Michael Mercieca u ta' Josef Corits, kif ukoll bl-ordni dwar l-għeluq tal-istadju tal-ġbir tal-provi, u b'hekk, b'rikors tal-5 ta' Marzu, 2025, (f'paġni 259 sa 264 tal-atti tal-kawża) talbu lill-Ewwel Qorti sabiex tagħtihom il-permess jappellaw mid-digriet interlokutorju tat-28 ta' Frar, 2025.

13. B'digriet mogħti waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju, 2025 (f'paġni 290 sa 292 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-atturi, u awtorizzathom sabiex iressqu appell f'dak l-istadju tal-kawża.

14. B'rikors tal-appell tat-13 ta' Mejju, 2025, l-atturi rikonvenzjonati talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tħassar id-digriet appellat tat-28 ta' Frar, 2025; (ii) tordna li l-affidavits ta' Michael Mercieca u Josef Cortis jiddaħħlu mill-ġdid fl-atti tal-kawża; u (iii) fl-aħħar nett tordna l-issoktar tas-

smigħ tal-kawża: *«kif intiż skont il-verbal tas-seduta l-preċedenti tat-tmienja (8) ta' Novembru, 2024, billi jsiru l-kontroeżamijiet kollha meħtieġa u tawtorizza lill-appellanti jressqu l-provi tagħhom inkwantu l-kontrotalba tas-soċjetà appellata, u dan salv kwalunkwe provvediment ieħor li jaf jidhrilha xieraq u opportun.»*

15. Bi tweġiba tal-20 ta' Mejju, 2025, il-kumpanija Malta Dairy Products Limited (minn issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala *«MDP»*) tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontrihom.

16. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

17. L-atturi rikonvenzjonati Michael u Victoria Mercieca qegħdin jattakkaw id-digriet tat-28 ta' Frar, 2025, fuq is-saħħa ta' żewġ aggravji. L-ewwel wieħed huwa b'rabta mal-isfilz tal-affidavits ta' Michael Mercieca u ta' Josef Cortis, filwaqt li t-tieni wieħed huwa fuq l-ordni tal-Qorti dwar l-għeluq tal-istadju tal-provi, qabel mal-atturi tħallew iressqu l-provi

tagħhom b'rabta mal-kontrotalba tal-MDP.

18. Peress li dawn l-aggravji ma jiddependux minn xulxin, il-Qorti sejra tkun qiegħda tistħarriġhom fl-istess ordni li tqajmu fir-rikors tal-appell.

19. Nibdew bl-**<u>ewwel aggravju</u>** li huwa dwar l-isfilz tal-affidavits ta' Michael Mercieca u ta' Josef Cortis.

20. Dwar dan, l-atturi appellanti jitilqu billi jfissru li l-affidavits inkwistjoni jiffurmaw parti importanti mill-provi li ressqu b'sostenn tat-talbiet tagħhom, għaliex fihom urew kemm nefqu biex kisbu n-negozju tat-tqassim tal-prodotti tal-MDP, kif ukoll kemm kienet l-offerta ta' Cortis biex iċedulu d-drittijiet tagħhom fuq dak in-negozju. Jisħqu għalhekk li l-isfilz ta' dawk l-affidavits wassal biex dgħajfilhom serjament il-pożizzjoni tagħhom fil-kawża, u dan minkejja li tali affidavits jikkostitwixxu prova siewja u saħansitra tressqu fl-atti bil-barka tal-Qorti.

21. Jissoktaw billi jilmentaw li l-ordni inkwistjoni ma ngħatatx skont il-liġi u dan għar-raġuni, li skont l-atturi, il-liġi ma tippermettix lill-Qorti biex tisfilza affidavits bħala konsegwenza diretta tan-nuqqas ta' dehra ta' xhud għall-kontroeżami. Jenfasizzaw li skont il-liġi tal-proċedura, il-Qorti tista' tordna l-isfilz tal-provi f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, inkluż: (i) meta l-prova ma tkunx rilevanti kif mitlub fl-**Artikolu 558 tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) f'każ ta' impossibbiltà li jsir il-kontroeżami ta' xhud; (iii) f'każ li jitressqu provi fl-atti mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti; u (iv) jekk tiġi ppreżentata skrittura jew jitressaq dokument li jkollu fih kliem ipprojbit skont ma' jgħid l-**Artikolu 994 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

22. Isostnu li f'dan il-każ, ma kien hemm l-ebda impossibbiltà sabiex Michael Mercieca u Josef Cortis jiġu kontroeżaminati dwar dak li xehdu fl-affidavit tagħhom, u minħabba f'hekk, itennu li fil-liġi ma hemm xejn li kellu jwassal lill-Qorti biex setgħet tordna l-isfilz tal-affidavits inkwistjoni.

23. Sfiq ma' dan, jistqarru li huma ma jaqblu xejn mar-raġunament li l-Ewwel Qorti kellha jdejha marbutin minħabba dak li hemm f'**Regolament 10 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qorti u l-Bon Ordni**. Jargumentaw li hemmhekk, il-liġi ma tirreferi mkien għall-isfilz tal-provi fin-nuqqas ta' talba għal differiment fiż-żmien imsemmi, u b'hekk tirraġuna li l-Ewwel Qorti kellha tħaddem il-prinċipju ta' *«[u]bi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit.»*

24. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet, jisħqu li l-ġurisprudenza dwar l-istat ta' kontumaċja lanqas ma ssostni d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-isfilz tal-affidavits inkwistjoni. Ifissru li kieku l-leġislatur ried li l-istitut tal-kontumaċja jgħodd ukoll għal meta jkun hemm xi nuqqas fl-istadju tal-

ġbir tal-provi, mela allura l-liġi kienet tipprovdi għalih.

25. F'dan il-kwadru, l-atturi appellanti jilmentaw li mhuwiex sewwa li min-naħa waħda l-Ewwel Qorti *«titlob li l-liġi tiġi segwita sal-aħħar kelma f'ċertu każijiet, iżda f'istanzi oħrajn tistrieħ fuq mera interpretazzjoni u tnissil minnha.»*

26. Raġuni oħra li qiegħda titressaq mill-atturi appellanti b'sostenn ta' dan l-aggravju, hija mbagħad dik li fl-**Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-liġi stess titlob li l-Qorti għandha: *«fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib.»* Jinsistu li minn hawn isegwi li l-provvedimenti tal-Qorti għandhom dejjem jiffavorixxu t-tressiq tal-aħjar provi u mhux l-isfilz ta' provi siewja li jkunu diġà tressqu skont il-liġi!

27. Iżidu li huwa wkoll ġust u xieraq, li fl-istadju tal-ġbir tal-provi l-Qorti għandha tħaddem ċertu flessibbiltà sabiex il-jeddijiet fundamentali għal smigħ xieraq tal-partijiet jibqgħu mħarsa. Jargumentaw li anke l-ġurisprudenza hija fis-sens li r-rigoriżmu esaġerat m'għandux jitħaddem bi ħsara għall-qagħda ta' parti f'kawża. F'dan is-sens, l-atturi appellanti jirraġunaw li fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm lok għar-rigoriżmu mħaddem mill-Ewwel Qorti għaliex Michael Mercieca u Josef Cortis ma dehrux għall-kontroeżami minħabba żball li huwa għalkollox ġenwin.

28. B’rabta ma’ dan, jilmentaw li s-sanzjoni dwar l-isfilz tal-affidavits kienet bil-wisq sproporzjonata meta mqabbla man-natura tan-nuqqas li għalih il-Qorti sfilzat dawk l-affidavits. Jirraġunaw li din l-isproporzjonalità tkompli toħroġ ukoll mill-fatt li fl-**Artikolu 642** tal-**Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** l-leġislatur ipprovda li: *«it-talba għall-esibizzjoni ta’ dokumenti tista’ ssir f’kull waqt tal-kawża, sakemm il-provi jkunu għadhom jistgħu jinġiebu.»*

29. F’dan il-qafas, l-atturi appellanti jagħlqu billi jinsistu li kull provvediment tal-Qorti għandu jkun proporzjonat, imsejjes fil-liġi, u bi tħaris tal-jedd fundamentali ta’ smigħ xieraq. Isostnu li fiċ-ċirkostanzi, l-ordni inkwistjoni każbritilhom il-jedd imsemmi, u għal darb’oħra jtennu li huma ma jaqblux li l-Ewwel Qorti kienet marbuta bil-liġi li tieħu dawk il-provvedimenti li ħadet fid-digriet appellat.

30. Fuq ix-xaqliba l-oħra, MDP tilqa’ għal dan l-aggravju billi titlaq bl-argument li r-raġunament tal-atturi appellanti mhuwiex sostnut bil-liġi jew inkella mill-ġurisprudenza. Issostni li l-elenku ta’ ċirkostanzi msemmija mill-appellanti dwar dawk il-każijiet li fihom il-Qorti tista’ tordna l-isfilz tal-provi jew atti mill-kawża, mhuwiex xi wieħed li joħroġ mil-liġi jew inkella b’xi mod mill-ġurisprudenza, iżda huwa biss lista ta’ okkażjonijiet fejn il-qrati ġieli ordnaw l-isfilz ta’ xi atti.

31. MDP imbagħad tgħaddi biex tikkwota estensivament kemm mid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-8 ta' Mejju, 2025, li fih l-Ewwel Qorti tat lill-atturi l-permess biex jappellaw mid-digriet inkwistjoni, kif ukoll minn digriet ieħor li ngħata fl-istess jum però f'kawża oħra mill-istess Qorti. Tgħid li l-mod ta' kif għandhom jitmexxew il-proċeduri quddiem il-Qrati huma regolati bir-**Regoli Dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni**, u tfakkar kif l-Ewwel Qorti kienet għamlitha ċara: *«permezz ta' «information seminar li ġie segwit b'ittra mibgħuta lill-Kamra tal-Avukati li kienet sejra timxi rigorożament mad-dispożizzjonijiet tal-Kap 12 u tal-L.S. 12.09.»* Issostni li fil-fehma tagħha, tali komunikazzjoni għandha s-saħħa legali li jipprovdi għaliha l-**Artikolu 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ġaladarba nħarġet minn Qorti u hija indirizzata lill-membri kollha tal-avukatura u l-partijiet b'mod ġenerali.

32. F'dan l-istadju, MDP tikkritika l-pożizzjoni tal-atturi fejn isostnu li r-rigoriżmu formali m'għandux jitħaddem bi ħsara għall-partijiet f'kawża u tisħaq li t-termini mill-Qrati jingħataw biex jiġu mħarsa u mhux biex jitqiesu bħala 'linji gwida' li ma jġibu l-ebda konsegwenza fin-nuqqas ta' tħaris tagħhom.

33. Fid-dawl ta' dan, MDP targumenta li wieħed m'għandux iħares biss lejn il-konsegwenzi li ġarrbu l-atturi minħabba l-isfilz tal-affidavits

inkwistjoni, iżda iktar importanti minn hekk, wieħed irid iħares lejn x'wassal għal dawk il-konsegwenzi, u sewwasew x'kienet ir-raġuni li għaliha l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz ta' dawk l-affidavits. Tfisser li l-Ewwel Qorti kienet ċara biżżejjed għalfejn ħadet id-deċiżjoni inkwistjoni, u dan proprju għaliex ir-raġunijiet miġjuba mill-atturi dwar in-nuqqas ta' tħaris tal-ordni tagħha ma kinux tajbin biżżejjed.

34. MDP qiegħda għalhekk issostni li l-konsegwenza miġjuba mill-isfilz tal-affidavits hija waħda proporzjonata meta mqabbla man-nuqqas ta' tħaris tal-ordni espliċita li ngħatat mill-Ewwel Qorti fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru, 2024 — li għaliha, la l-atturi u lanqas ir-rappreżentant tagħhom ma attendew. Tfisser li f'dik is-seduta l-Qorti għaddiet sabiex tat l-ordnijiet tagħha dwar l-issoktar tal-kawża, *viz.* l-għeluq tal-istadju *«tat-trial u l-kontroeżamijiet»* ġaladarba ħadd mill-partijiet ma qal li fadallu xi provi xi jressaq.

35. B'rabta ma' dan, MDP tinsisti li hija l-liġi stess li tawtorizza lill-Qrati sabiex fid-diskrezzjoni tagħhom jieħdu deċiżjonijiet iebsin meta jkun mistħoqq. Issostni dan, billi tirreferi għal xi eżempji bħal dawk dwar il-kanċellament ta' kawża fin-nuqqas ta' dehra tal-partijiet, jew inkella l-qtugħ ta' kawża fin-nuqqas ta' dehra tal-konvenut jew tal-Avukat tiegħu (ara **l-Artikoli 199** u **201 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, rispettivament). Tissottometti li dan kollu huwa rifless fil-prinċipju

ta' *«dura lex sed lex»* u ttenni li bl-istess mod, l-Ewwel Qorti ħaddmet id-diskrezzjoni mogħtija lilha b'riħet ir-**Regolament 10 tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni**, sabiex tqis li ma kinux jeżistu ċirkostanzi tajbin biżżejjed li għalihom il-Qorti setgħet tagħti differiment.

36. Bil-għan li ssostni dan kollu, MDP tagħlaq billi tirreferi għal żewġ deċiżjonijiet, waħda tal-Qorti tal-Appell, u l-oħra tal-Qorti Kostituzzjonali, li fihom dawk il-Qrati għamluha ċara li l-ordnijiet tal-Qrati għandhom jiġu mħarsa u ma jistgħux jiġu injorati bla raġuni siewja. Fl-istess deċiżjonijiet, il-Qrati wkoll fissru li m'hemmx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq f'każ li l-konsegwenzi mġarrba minn parti jkunu l-frott dirett tan-nuqqasijiet ta' dik l-istess parti.

37. Fil-fehma ta' din l-Qorti, dan l-aggravju huwa fejjiedi.

38. Bil-maqlub għal dak li qiegħda targumenta MDP, fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Mary Grech v. Paul Grech*** mogħtija fil-11 ta' Jannar, 2024 (mhux ippubblikata fuq l-internet), il-Qorti tal-Appell kif impoġġija differenti mil-lum, diġà għamlitha ċara li l-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jipprovdi mkien li l-qrati għandhom is-setgħa li jordnaw l-isfilz ta' affidavit, f'każ li l-kittieb tal-affidavit, jonqos milli jidher meta mitlub għall-kontroeżami.

39. Iktar importanti minn hekk, fl-istess deċiżjoni l-Qorti tal-Appell fissret li għalkemm l-ordni dwar l-isfilz ta' affidavit jaf tkun mistħoqqa f'dawk il-każijiet li fihom xhud jonqos milli jidher b'mod ripetittiv għall-kontroeżami, u dan b'tali mod li jipprova jaħrab milli jsir l-kontroeżami, madankollu, fin-nuqqas ta' estremitajiet bħal dawk, l-ordni dwar l-isfilz ta' affidavit tkun waħda sproporzjonata.

40. Bħala stat ta' fatt, f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavits inkwistjoni mal-ewwel darba li Michael Mercieca u Josef Cortis naqsu milli jidhru għall-kontroeżami, u fuq hekk biss, din il-Qorti jidhrilha li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija tabilħaqq sproporzjonata meta mqabbla man-nuqqas tal-atturi.

41. Xieraq jingħad, li din il-Qorti mhijiex qiegħda tasal għal din il-fehma għaliex jidhrilha li l-qrati tal-ewwel istanza għandhom ikunu iktar indulġenti mal-partijiet u jagħlqu għajnejhom għal nuqqasijiet bħal dawk tal-atturi. Mod ieħor, ir-raġunament tal-Qorti huwa msejjes fuq il-ħsieb, li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-Ewwel Qorti kellha f'idejha għodod tajbin biżżejjed li bihom setgħet xorta waħda tikkastiga lill-atturi tan-nuqqas tagħhom b'mod effettiv, u fl-istess waqt tiżgura li l-kawża tkompli miexja 'l quddiem bla dewmien.

42. Kemm hu hekk, ġaladarba fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2024, l-Ewwel Qorti ordnat lill-attur Michael Mercieca sabiex jidher għas-seduta tat-28 ta' Frar 2025, ħalli jsir l-kontroeżami, mela allura, bis-saħħa tal-**Artikolu 565 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, dik l-ordni kienet tiswa daqslikieku l-Qorti ħarġet lil Mercieca taħrika sabiex jixhed, u b'hekk fin-nuqqas ta' dehra tiegħu għas-seduta tat-28 ta' Frar, 2025, l-Ewwel Qorti setgħet issibu ħati ta' disprezz kontra l-awtorità tagħha, kif ukoll tordna l-ħruġ ta' mandat ta' skorta jew inkella ta' arrest, sabiex tiżgura li huwa jidher għall-kontroeżami fis-seduta ta' wara (ara l-**Artikolu 575 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Din is-soluzzjoni ta' ħruġ ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest minflok it-tneħħija tal-affidavit ġiet indikata bħala dik xierqa anke fil-kawża ***Mary Grech v. Paul Grech*** fuq imsemmija.

43. Naturalment, l-istess ma jistax jingħad għan-nuqqas ta' dehra ta' Cortis, għaliex kollox juri li dan ix-xhud ma deherx għaliex l-atturi stess naqsu milli jinfurmawh biex jidher. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Ewwel Qorti kellha għalhekk qabelxejn tiżgura li Cortis jiġi mħarrek u mgħarraf bis-seduta biex jidher skont il-liġi. Minn hemmhekk hija mbagħad setgħet iddur lejn ir-rimedji msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, f'każ li Cortis kien sejjer jibqa' ma jidhirx meta msejjaħ.

44. Minkejja li l-ħeffa fil-mixi tal-kawżi hija importanti għaliex il-qtugħ

tal-kawżi fi żmien raġonevoli jifforma ħaġa waħda mill-jedd ta' smigħ xieraq, mill-banda oħra, huwa daqshekk ieħor fl-aqwa interess tal-ġustizzja li l-atti tal-kawża, u speċjalment il-provi mressqa mill-partijiet, jinżammu sħaħ kemm jista' jkun. Bla dubju ta' xejn, l-isfilz tal-provi mill-atti wara li parti tkun għalqet il-provi tagħha, jaf iġib ħsara kbira fil-pożizzjoni ta' parti f'kawża, u għalhekk il-prinċipju tal-proporzjonalità jitlob li l-isfilz tal-provi mill-atti tal-kawża, għandu jsir biss meta assolutament meħtieġ, u mhux meta l-Qorti tkun għadha ma daritx għal mezzi oħra inqas drastiċi bħal dawk fuq imsemmija.

45. Fl-aħħar nett, u sabiex ikun ingħad kollox, din il-Qorti lanqas ma taqbel li l-Ewwel Qorti setgħet tordna l-isfilz tal-affidavits inkwistjoni b'riħet **Regolament 10 tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni**. Bħalma qegħdin jgħidu sewwa l-atturi appellanti, fir-Regolament imsemmi, il-liġi ma tipprovdix għall-isfilz ta' provi jew xhieda li jkunu diġà daħlu fl-atti b'mod regolari, iżda tipprovdi biss għall-proċedura dwar kif għandhom jintalbu u jingħataw differimenti. Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li saret xi talba formali lill-Qorti sabiex tiddiferixxi l-kawża għal data oħra u għaldaqstant ir-Regolament imsemmi ma setax jitħaddem għas-sitwazzjoni li sabet ma' wiċċha l-Ewwel Qorti.

46. Anke però li kieku stess kellha ssir xi talba għal differiment, f'kull każ, ma hemm xejn f'**Regolament 10** li seta' jżomm lill-Ewwel Qorti milli

tagħti l-provvedimenti fuq imsemmija f'dik is-seduta, u terġa' tħalli l-kawża għall-kontroeżamijiet ta' Michael Mercieca u ta' Josef Cortis.

47. Tħares minn fejn tħares, l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti huwa għalhekk mistħoqq.

48. Jifdal it-**tieni aggravju** li fih l-atturi appellanti qegħdin jappellaw minn dik il-parti tad-digriet tat-28 ta' Frar, 2025, li fiha l-Ewwel Qorti ordnat l-għeluq tal-istadju tal-provi, u dan qabel ma tathom iċ-ċans iressqu l-provi tagħhom b'rabta mal-kontrotalba tal-MDP.

49. F'dan l-aggravju, l-appellanti qegħdin ifissru li għalkemm huma ressqu l-provi b'rabta mal-azzjoni ewlenija tagħhom, madankollu huma fl-ebda waqt tal-kawża ma qalu jew inkella ngħataw xi ħjiel li dawk il-provi kienu wkoll b'rabta mal-kontrotalba tal-MDP. Jisħqu li bħala l-parti rikonvenuta, huma kellhom kull dritt jingħataw l-opportunità li jagħlqu bil-provi tagħhom għall-kontrotalba, u dan billi min-natura tagħha din għandha l-element ta' rikors awtonomu minn dak tal-azzjoni prinċipali.

50. F'dan is-sens, l-atturi jilmentaw li l-ordni dwar l-għeluq tal-provi, waslet biex ċaħdithom mid-dritt li jressqu l-provi b'rabta mal-kontrotalba, u filwaqt li jagħlqu billi jirreferu għal dak kollu li qalu b'rabta mal-ewwel aggravju, itennu li l-Ewwel Qorti żbaljat fid-deċiżjoni tagħha dwar l-għeluq

tal-istadju tal-ġbir tal-provi.

51. MDP tilqa' għal dan l-aggravju billi targumenta li l-ilmenti tal-appellanti mhumiex mistħoqqa għaliex fis-seduta tat-28 ta' Ġunju, 2024, l-atturi ddikjaraw li: *«l-unika prova li fadlilhom tikkonsisti f'affidavit tal-attriċi.»* Tenfasizza li din l-istqarrija saret bla riżerva dwar it-tressiq tal-provi b'rabta mal-kontrotalba, u għalhekk għandha tinftiehem fis-sens li l-atturi kienu wkoll qegħdin jagħlqu l-provi tagħhom b'rabta mal-kontrotalba.

52. Tissokta billi tosserva li b'nota tat-30 ta' Ottubru, 2024, hija ddikjarat li għajr għall-kontroeżamijiet tax-xhieda tal-atturi, ma kienx fadlilha xi tressaq iktar bħala xhieda, u b'hekk kien jaqa' f'idejn l-atturi li jressqu talba sabiex iressqu l-provi dwar il-kontrotalba. Tgħid li l-atturi mhux talli m'għamlux hekk, anzi saħanistra naqsu milli jidhru għas-seduta miżmuma fit-8 ta' Novembru, 2024, u tirraġuna li din l-imġieba wriet li l-atturi ma kellhomx iktar provi xi jressqu. Skont MDP, l-Ewwel Qorti għamlet għalhekk sewwa li mxiet bil-mod ta' kif imxiet.

53. Tikkonkludi li kemm mir-rikors maħluf tal-atturi kif ukoll dak tal-kontrotalba tagħhom, jidher biċ-ċar li t-talbiet rispettivi tal-partijiet huma marbuta flimkien, b'tali mod li l-provi tal-kawża prinċipali u tar-rikonvenzjoni huma l-istess. Skont MDP, l-atturi qegħdin għalhekk

iressqu dan l-aggravju bħala skuża sabiex jerġgħu jiftħu l-istadju tal-provi.

54. Il-Qorti wara li qieset l-argumenti tal-partijiet fid-dawl ta' dak kollu li jidher mill-atti tal-kawża tqis li dan l-aggravju huwa wkoll mistħoqq.

55. Jibda billi jingħad li l-atturi appellanti qegħdin jgħidu sewwa li mil-lat proċedurali, il-kontrotalba hija meqjusa bħala azzjoni awtonoma mill-azzjoni prinċipali, u b'hekk, fil-kontrotalba, il-parti attriċi rikonvenzjonata hija fl-istess qagħda ta' kull parti oħra konvenuta f'kawża.

56. Kemm hu hekk, fl-**Artikolu 398(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** nsibu li: *«[m]eta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontrotalba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun* <u>*tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba*</u>*, li għandha* <u>*tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha.*</u>*»* Fuq kollox, fl-**Artikolu 401 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** nsibu li jekk l-attur iċedi t-talbiet tiegħu, il-kontrotalba ma tieqafx hemmhekk, u l-attur rikonvenzjonat xorta waħda jibqa' meqjus bħala l-parti konvenuta fil-kontrotalba.

57. Bħal kull parti konvenuta oħra f'kawża, il-parti attriċi rikonvenzjonata, għandha għalhekk kull dritt li tingħata ċ-ċans biex tagħlaq bil-provi hi b'rabta mal-kontrotalba, u dan għaliex li kieku kellu

jkun mod ieħor, il-parti attriċi rikonvenzjonata, bħala l-parti konvenuta fil-kontrotalba tisfa' fi żvantaġġ proċedurali meta tiġi biex tiddefendi ruħha mit-talbiet fil-kontrotalba (ara ***Anatole Baldacchino v. Baby World Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-8 ta' Jannar, 2010).

58. Wara kollox, dan il-mod ta' kif għandha titmexxa kawża mhijiex qiegħda toħroġ bih din il-Qorti, iżda jitnissel minn wieħed mill-iktar prinċipji bażiċi fil-liġi tal-proċedura, li jitlob: *«l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah»* (ara l-**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Sakemm ma jkunx hemm ordni tal-Qorti għall-inverżjoni tal-provi, hija l-parti konvenuta rikonvenzjonanta li għandha tibda bil-provi tagħha, u mbagħad jaqa' għalkollox f'idejn il-parti attriċi rikonvenzjonata, li jekk tkun trid, tilqa' għal dawk il-provi bi provi oħra.

59. F'dan il-każ, ma hemm l-ebda digriet li bih l-Ewwel Qorti qalbet il-mod ta' kif kellhom jitressqu l-provi b'rabta mal-kontrotalba, u għalhekk id-dikjarazzjoni tal-atturi tat-28 ta' Ġunju, 2024 (f'paġna 119 tal-atti tal-kawża), tista' biss tinftiehem b'tali mod li dakinhar, l-atturi kienu qegħdin jagħlqu l-istadju tal-provi b'rabta mal-azzjoni prinċipali tagħhom, u mhux ukoll b'rabta mal-kontrotalba. F'qagħda bħal din, l-atturi ma kellhom għalfejn jagħmlu l-ebda riżerva dwar it-tressiq tal-provi b'rabta mal-kontrotalba, u dan għaliex sa dak l-istadju MDP kien għadha ma bdietx

bil-provi tagħha dwar il-kontrotalba.

60. Terġa' u tgħid li jekk wieħed ikollu jqis kollox bil-pinna u l-klamar, f'dan il-każ, MDP ma ressqet l-ebda dikjarazzjoni formali fl-atti li hija kienet qiegħda tagħlaq il-provi tagħha. Bil-maqlub, fin-nota tat-30 ta' Ottubru, 2024 (f'paġna 161 tal-atti tal-kawża), hija ddikjarat li riedet tagħmel il-kontroeżamijiet tax-xhieda tal-atturi, u għalhekk il-fatt waħdu li dawk il-kontroeżamijiet kienu għadhom iridu jsiru fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2025, ifisser li sal-jum li fih l-Ewwel Qorti tat id-digriet appellat, il-kumpanija appellata kien għada teknikament ma għalqitx il-provi tagħha.

61. Naturalment, la l-istadju tal-provi ta' MDP kien għadu miftuħ, l-atturi rikonvenzjonati ma setgħux bdew bil-provi tagħhom dwar il-kontrotalba u b'hekk kollox juri li l-Ewwel Qorti tassew qieset l-istadju tal-provi bħala magħluq qabel ma tat ċans lill-appellanti sabiex iressqu l-provi tagħhom b'rabta mal-kontrotalba ta' MDP.

62. Wara kollox anke mill-atti tal-kawża ma jidher li hemm l-ebda verbal jew inkella digriet li bih l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għall-provi tal-atturi rikonvenzjonati dwar il-kontrotalba.

63. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi appellanti għandhom tassew raġun jilmentaw li l-Ewwel Qorti qabdet u qieset l-

istadju tal-provi bħala magħluq, qabel ma tathom ċans sabiex iressqu l-provi tagħhom b'rabta mal-kontrotalba, jew imqar talbithom sabiex jiddikjaraw jekk kellhomx provi dwarha.

64. Minn kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza, hemm baħar jaqsam bejn dawk il-każijiet li fihom il-Qorti tonqos milli tisma' l-provi ta' xi parti, għaliex dik il-parti tonqos milli tressaq il-provi meta jingħatalha ċ-ċans, u sitwazzjonijiet oħra fejn il-Qorti tonqos milli tisma' l-provi ta' parti għaliex dik il-parti ma tkunx ingħatat l-opportunità li tressaq il-provi (ara ***John Haber v. Nutar Dr. Emanuel Cefai*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2011 u ***Joseph Farrugia v. Mary Meilak*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-9 ta' Lulju, 2008).

65. Kemm hu hekk, filwaqt li l-ewwel sitwazzjoni twassal għat-tħaddim tal-prinċipju ta' *«qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire»,* il-każ tat-tieni jwassal għat-tkażbir tal-prinċipju fundamentali tal-*«audi alteram partem»,* bil-konsegwenza li dak kollu li jsir wara dak il-ksur għandu jitħassar (ara ***Andrea Attard v. Global Security Services Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-11 ta' Ġunju, 2010 u ***Kontrollur tad-Dwana v. Anthony Debono et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-6 ta' Jannar, 2008).

66. Kemm minħabba f'hekk, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-Ewwel Qorti

tabilħaqq għalqet l-istadju tal-provi tal-atturi rikonvenzjonati qabel ma tathom iċ-ċans iressqu l-provi tagħhom b'rabta mal-kontrotalba, din il-Qorti jidhrilha li anke t-tieni aggravju huwa mistħoqq, u fid-dawl ta' dan il-Qorti sejra tkun qiegħda tgħaddi biex tilqa' l-appell tal-atturi, u tħassar id-digriet appellat sa fejn l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavits ta' Michael Mercieca u Josef Cortis, kif ukoll fejn qieset l-istadju tal-provi bħala magħluq u ħalliet il-kawża għas-sentenza.

67. Sabiex l-affarijiet ikunu ċari, din il-Qorti però ma ssib xejn ħażin fil-fatt li l-Ewwel Qorti qieset li l-atturi ma kellhom l-ebda kontroeżamijiet x'jagħmlu lix-xhieda ta' MDP, u b'hekk, dik il-parti tad-digriet mhux sejra tkun qiegħda tiġi mittiefsa. Fl-aħħar mill-aħħar, l-atturi stess ma ressqu l-ebda aggravju dwar dik il-parti tad-digriet, u fuq kollox meta ġew biex jitolbu permess lill-Ewwel Qorti sabiex jappellaw, stqarrew li: *«fuq dan il-punt ma humiex qegħdin jikkontendu r-rinunzja da parti tal-Qorti tal-kontroeżamijiet tagħhom»* (silta meħuda mir-rikors tal-atturi appellanti tal-5 ta' Marzu, 2025, f'paġna 263 tal-atti tal-kawża).

68. Fl-aħħar nett, din il-Qorti hija tal-fehma li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jitolbu li l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom ibatuhom l-atturi appellanti stess. Dan għaliex, minkejja li l-aggravji tagħhom huma tassew mistħoqqa, madankollu, il-ħtieġa għal dan l-appell qamet biss b'konsegwenza diretta tan-nuqqas tagħhom li jimxu mal-ordni tal-Ewwel

Qorti tat-8 ta' Novembru, 2025. MDP ma kkontribwiet bl-ebda mod għal dan l-episodju, u b'hekk huwa biss xieraq li l-atturi appellanti stess u mhux MDP, għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha b'rabta ma' dan l-appell.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell tal-atturi Michael u Victoria Mercieca, u għalhekk qiegħda tibdel id-digriet appellat tat-28 ta' Frar, 2025, billi tħassru f'dawk il-partijiet fejn l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Michael Mercieca u ta' Josef Cortis, kif ukoll fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi bħala magħluq u b'hekk ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Minflok, il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jibagħat minnufih l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti bil-għan li: (i) ix-xhieda sfilzata ta' Michael Mercieca u ta' Josef Cortis tiddaħħal mill-ġdid fl-atti tal-kawża; (ii) isiru l-kontroeżamijiet ta' Michael Mercieca u ta' Josef Cortis; u (iii) wara li l-atturi appellanti jingħataw l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom għall-kontrotalba tal-Malta Dairy Products Limited, il-kawża tkun tista' tissokta skont il-liġi.

Fiċ-ċirkostanzi fuq spjegati, l-ispejjeż kollha b'rabta ma' din il-proċedura

tal-appell, għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-atturi appellanti flimkien bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da